MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 133/2009

Salvina Degiorgio.

Vs

Elmo Insurance Agency Limited u b'digriet tat-Tribunal moghti nhar it-tlieta 28 ta' April 2009 isem is-socjeta' konvenuta irid jinqara bhala 'Elmo Insurance Limited'.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob illi t-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf, tmien mija u erba' u tmenin ewro (€1884) bilanc minn somma akbar dovuta bhala spejjes skond sentenza fl-ismijiet Salvina Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema (citazz nru 1152/94FDP; deciza 28/1/04) u bl-applikazzjoni tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li s-socjeta' konvenuta kienet is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut f'dik il-kawza u kienet giet debitament notifikata skond il-ligi b'ittra ufficjali li kienu inbdew il-proceduri fuq

imsemmija. Bl-ispejjes u s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-sentenza.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi 1. preliminarjament, l-isem tas-socjeta' konvenuta indikata mill-attrici huwa zbaljat u l-isem korrett huwa Elmo Insurance Limited; 2. fil-mertu, t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici stante illi fis-sentenza li ghamlet referenza ghaliha l-attrici, s-socjeta' konvenuta kienet biss intervenuta fil-kawza u mhux konvenuta. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma kenitx kkundannata thallas xejn; 3. il-parti li kien ikkundannat ihallas kien il-konvenut Da Crema; 4. illi l-pagament li sar mis-socjeta' konvenuta sar strettament fil-parametri stabbiliti mill-ligi. Ghaldaqstant, m'hemmx lok li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas il-bilanc mitlub mill-attrici stante li l-istess socjeta' konvenuta m'ghandha ebda obbligu legali li taffettwa dan il-hlas; 5. salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2009, li fiha in vista tal-korrezzjoni li gie awtorizzat mit-Tribunal fl-okkju tal-kawza, s-socjeta' konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Ra l-affidavit tal-attrici Salvina Degiorgio.

Sema x-xhieda ta' Lino Ferris prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda tal-attrici Salvina Degiorgio.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi jirrizulta li permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema, l-konvenut f'dik il-kawza, u cioe Massimiliano Da Crema kien gie kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza. Dawn ovvjament kienu jinkludu l-ispejjes kollha skond it-taxxa ufficjali mahruga mir-Registru tal-Qorti.

Illi x-xhud Lino Ferris, li jokkupa l-kariga ta' General Manager mas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza, u cioe l-Elmo Insurance Limited, xehed testwalment hekk:-

'*Fin-1996 permezz ta' ittra ufficjali, s-socjeta' konvenuta kienet giet avzata u notifikata illi l-attrici f'din il-kawza, u cioe Salvina Degiorgio kienet fethet kawza kontra Massimiliano Da Crema......Meta kienet inqatat is-sentenza kontra Massimiliano Da Crema ahna konna hallasna d-danni skond is-sentenza u dan ghaliex taht il-Kapitolu 104 ahna bhala insurance xorta wahda bqajna responsabbli. U konna obbligati nhallsu skond is-sentenza. A bazi tas-sentenza li ghadni kif semmejt, is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Agency Limited hallset kemm is-sorte kif ukoll l-ispejjes tal-attrici Salvina Degiorgio u dawn il-pagamenti kienu kollha gew accettati mill-attrici u c-cekkijiet issarfu, ghalhekk ahna ghalaqna l-kaz.*'

Illi huwa ovvju li l-attrici Salvina Degiorgio kienet accettat il-hlas tas-sorte u tal-ispejjes taghha a saldu, u dana peress li l-ammont dovut in kwantu spejjes taghha, u cioe dak taht il-kolonna ‘attrici’ fit-taxxa ufficjali, kien qieghed jithallas kollu kemm hu. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni da parti tal-attrici li ma taccettax il-hlas li kien qieghed isir direttament lilha.

Kien biss wara li sar dan il-hlas li l-attrici giet rinfaccjata bil-kont tal-kuraturi deputati li kienu qedin jirrapprezentaw lil-Massimiliano Da Crema. Hija mill-ewwel irrifjutat li thallas tali kont, peress li deherilha li ma kenitx giet kundannata thallas tali spejjes, u kienet infurmat lill-kuraturi li setghu jaghmlu t-talba taghhom lis-socjeta’ konvenuta Elmo Insurance Limited.

Illi t-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jidhol fil-kwsitjoni tal-mertu tal-proceduri l-ohra li ttiehdu bejn il-partijiet quddiem Qrati ohrajn diversament presjeduti, u cioe dawk rigwardanti t-taxxa ufficjali u l-mandat ta' sekwestru msemmija.  Lanqas hemm lok li wiehed jidhol fil-kwistjoni kif il-kuraturi deputati gew awtorizzati jithallsu mill-attrici fl-ahhar mill-ahhar.

Il-kwistjoni in ezami hawnhekk hija sempliciment jekk l-attrici ghandhiex id-dritt li tigi rizarcita mis-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited ghall-ispejjes li hija inkorriet meta l-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-Massimiliano Da Crema daru fuqha ghall-hlas u effettivament thallsu minnha.

Illi dan it-Tribunal jidhirlu li gjaladarba l-attrici kienet rebhet il-kawza, u Massimiliano Da Crema kien gie kundannat ihallas l-ispejjes kollha tal-istess kawza, l-attrici zgur li ghandha dritt li tigi rizarcita f'dan is-sens.  Li hu zgur ukoll huwa li s-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited kienet accettat li thallas is-sorte u l-ispejjes kollha, peress li fi kliem Lino Ferris stess 'm*eta kienet inqatat is-sentenza kontra Massimiliano Da Crema ahna konna hallasna d-danni skond is-sentenza u dan ghaliex taht il-Kapitolu 104, ahna bhala insurance xorta wahda bqajna responsabbli.  U konna obbligati nhallsu skond is-sentenza'.*

Illi ghalhekk gjaladarba jirrizulta li l-attrici inkorriet spejjes ohra oltre dawk li hija kienet gja thallset mis-socjeta' konvenuta, dawn l-ispejjes ukoll ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elf, tmien mija u erba' u tmenin ewro (€1884), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------